# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Seduta tal-4 ta' Lulju 2019**

**Rikors Numru 835/18GM**

Express Trailers Limited

vs

1. Sullivan Maritime Limited (20340) f'isimha proprju kif ukoll bħala aġent u S.p.A. ta' via M. Campodisola, 13-80133 Napoli, Italja;
2. Is-Soċjeta' Taljana bl-isem ta' Terminal an Giorgio S.r.l. ta' Ponte Libia, Palazzina Ufficici, 16149 Genova, Italia;
3. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited (C17421); u
4. Concorde International Freight Fowarders Limited (C11393)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbitha tissoprassjedi sakemm jinstemgħu il-kawżi numri 1/19 u 2/19 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

Rat ir-risposti tas-Soċjeta` konvenuta Fahrenheit Freight Forwarders Co Ltd (fol 143); u tas-soċjeta` konvenuta Concorde International Freight Forwarders Limited (fol 196);

Rat li s-soċjeta` konvenuta Terminal San Giorgio S.r.l. aderixxiet ruħha mar-risposta tas-soċjeta` konvenuta Concorde International Freight Forwarders Limited b'riżerva li tippreżenta risposta ulterjuri (fol 195);

Rat li s-soċjeta` konvenuta Sullivan Maritime Limited irrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti fir-rigward tas-soprassessjoni (fol 195);

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi Express Trailers Limited qiegħdha tfittex lill-konvenuti għal danni kkawżati lil trailer proprjeta` tagħha u l-merkanzija kollha li kien hemm fih waqt li kien parkeġġjat fit-terminal San Giorgio ġewwa Genova, l-Italja;

Illi permezz tal-kawżi 1/19 u 2/19 fuq imsemmija, is-soċjeta` assikuratriċi Mapfre Middlesea p.l.c. qiegħda tfittex lill-attriċi għall-ħsara minħabba d-distruzzjoni tal-merkanzija ta' assikurati tagħha li ġiet surrogata fid-drittijiet tagħhom, li kienet qiegħdha tinġarr fl-imsemmi trailer;

Illi l-attriċi qiegħdha titlob is-soprassessjoni ta' din il-kawża sakemm jinqatgħu iż-żewġ kawżi li nfetħu kontriha;

Illi idejalment, it-tlett kawżi messhom jinstemgħu flimkien iżda dan mhux possibbli minħabba kompetenzi differenti. Kif taraha din il-Qorti, iktar huwa l-każ li l-kawżi quddiem il-Qorti inferjuri jistennew l-eżitu ta' din il-kawża milli bil-maqlub. B'danakollu, f'dan l-istadju bikri, mhux għaqli li tippronunzja ruħha f'dan ir-rigward. Billi bħalissa qiegħdha tisma' l-provi dwar ċerti eċċezzjonijiet preliminari biss (ara fol 72) hija mhix sejra tilqa' t-talba għas-soprassessjoni qabel ma tkompli tisma' dawn il-provi u tagħti pronunzjament dwarhom; iżda tirriżerva li tikkunsidra t-talba mill-ġdid fi stadju ulterjuri tal-kawża.

Illi għalhekk f'dan l-istadju qiegħdha tiċħad ir-rikors tal-attriċi salv dak li ngħad fil-parti motivazzjonali ta' dan id-digriet u tordna t-tkomplija tas-smiegħ tal-kawża.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA